II.1.4 jinġarru f'kaxxi nodfa għal kollox li jintremew użati għall-ewwel darba u li:

(a) fihom biss bajd li ġej mill-istess stabbiliment;

(b) huma mmarkati sew bl-informazzjoni li ġejja:

— l-isem u l-kodiċi ISO tat-territorju, żona jew kumpartiment ta' l-oriġini,

— "bajd SPF għal użu dijanjostiku, ta' riċerka jew farmaċewtiku biss",

— in-numru ta' bajd,

— l-isem, l-indirizz u n-numru ta' approvazzjoni ta' l-istabbiliment tal-produzzjoni,

— l-Istat Membru tad-destinazzjoni;

(c) huma magħluqa skond l-istruzzjonijiet ta' l-awtorità kompetenti biex tkun evitata kull possibbiltà ta' sostituzzjoni tal-kontenut u li ma jagħmlux;

II.2 Il-konteniturі u l-vetturi li fihom inġarru l-kaxxi msemmija fil-punt II.1.4 tnaddfu u ġew diżinfettati qabel ma tgħabbew skond l-istruzzjonijiet ta' l-awtorità kompetenti.

Noti

Parti I:

— Kaxxa I.8: agħti l-kodiċi għaż-żona jew l-isem tal-kumpartiment ta' l-oriġini, jekk hemm bżonn, kfi definit fil-kodiċi fil-kolonna 2 tal-Parti 1 ta' l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008.

— Kaxxa I.11: L-isem, l-indirizz u n-numru ta' l-approvazzjoni ta' l-istabbiliment tat-tgħammir.

— Kaxxa I.15: Indika n-numru(/i) ta' reġistrazzjoni tal-vaguni tal-ferrovija u tal-vannijiet, l-ismijiet tal-vapuri u, jekk ikunu magħrufa, in-numri tat-titjiriet ta' l-ajruplani. Fil-każ ta' ġarr f'konteniturі jew f'kaxxi, in-numru totali tagħhom u r-reġistrazzjoni tagħhom u fejn hemm numru tas-serje tas-siġill irid jiġi indikat fil-kaxxa I.23.

— Kaxxa I.28: Numru ta' identifikazzjoni: agħti l-marki tal-bajd inkluż in-numru ta' l-istabbiliment u l-kodiċi ISO tal-pajjiż ta' l-oriġini.

▼B

Parti II:

(1) Il-bajd tat-tfaqqis kif definit fir-Regolament (KE) Nru 798/2008 li tnissel minn “qatgħat tat-tiġieġ li m’għandhomx patoġeni speċifikati” kif deskritti fil-Pharmacopoeia Ewropea u li huma intiżi għal użu dijanjostiku, ta’ riċerka u farmaċewtiku biss.

(2) http://www.edqm.eu (l-aħħar edizzjoni).

This certificate is valid for 15 days.

Uffiċjal veterinarju

Isem (b’ittri kbar):

Lawrija u titolu:

Data:

Firma:

Timbru:

▼M34

Mudell taċ-ċertifikat veterinarju għat-tjur tal-qatla u għat-tjur għall-istokkjar mill-ġdid ta' għasafar tal-kaċċa minbarra l-għasafar li ma jtirux (SRP)

PAJJIŻ: **Ċertifikat veterinarju għall-UE**

Parti I: Dettalji tal-konsenja mibgħuta

I.1. Konsenjatur Isem Indirizz Pajjiż Nru tat-Tel.	I.2. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	I.2.a.
	I.3. Awtorità Ċentrali Kompetenti	
	I.4. Awtorità Lokali Kompetenti	
I.5. Destinatarju Isem Indirizz Pajjiż Nru tat-Tel.	I.6.	
I.7. Pajjiż tal-oriġini Kodiċi ISO	I.8. Ir-reġjun tal-oriġini Kodiċi	I.9. Pajjiż tad-destinazzjoni Kodiċi ISO / I.10.
I.11. Il-post tal-oriġini Isem Numru tal-approvazzjoni Indirizz Isem Numru tal-approvazzjoni Indirizz Isem Numru tal-approvazzjoni Indirizz	I.12.	
I.13. Post tat-tagħbija Indirizz Numru tal-approvazzjoni	I.14. Data tat-tluq	Ħin tat-tluq
I.15. Mezz ta' trasport Ajruplan ☐ Vapur ☐ Vagun tal-ferrovija ☐ Vettura tat-triq ☐ Oħrajn ☐ Identifikazzjoni: Dokument:	I.16. BIP tad-dħul fl-UE	
	I.17. Numru/i tas-CITES	
I.18. Deskrizzjoni tal-prodott	I.19. Il-kodiċi tal-merkanzija (kodiċi SA)	
	I.20. Kwantità	
I.21.	I.22. Għadd ta' pakketti	
I.23. Numru tas-siġill/tal-kontenitur	I.24.	
I.25. Prodotti ċċertifikati bħala: Qatla ☐ Stokkjar mill-ġdid ta' tjur tal-kaċċa ☐		
I.26.	I.27. Għall-importazzjoni jew għad-dħul fl-UE ☐	
I.28. Identifikazzjoni tal-prodott Speċi (Isem xjentifiku) Kwantità		

▼M34

PAJJIŻ **SRP (tjur għall-qatla u għall-istokkjar mill-ġdid tal-ħażniet ta' tjur tal-kaċċa għajr l-għasafar li ma jtirux)**

II. Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

Parti II: Ċertifikazzjoni

II.1. **Attestazzjoni tas-saħħa tal-annimal**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan qed niċċertifika li t-tjur ([1]) deskritti f'dan iċ-ċertifikat:

II.1.1 jissodisfa d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2009/158/KE;

II.1.2 baqgħu fi:

([2]) ([3]) *jew* [it-territorju tal-kodiċi .....;]

([3]) ([4]) *jew* [kompartiment(i) .....;]

għal mill-anqas sitt ġimgħat jew mindu faqqsu jekk għandhom inqas minn sitt ġimgħat qabel l-importazzjoni fl-Unjoni. Fejn kienu importati fil-pajjiż, territorju, żona jew kumpartiment tal-oriġini, dan sar skont il-kundizzjonijiet veterinarji stretti mill-anqas daqs ir-rekwiżiti rilevanti tad-Direttiva 2009/158/KE u kull Deċiżjoni sussidjarja;

II.1.3 ġejjin minn:

([2]) ([3]) ([12]) *jew* [it-territorju tal-kodiċi .....;]

([3]) ([4]) *jew* [kompartiment(i) .....;]

(a) li, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat, ma kellux (ma kellhomx) il-marda ta' Newcastle kif definit fir-Regolament (KE) Nru 798/2008;

(b) fejn ikun twettaq programm ta' sorveljanza għall-influwenza avjarja skont ir-Regolament (KE) Nru 798/2008;

II.1.4 ġejjin minn:

([2]) ([3]) *jew* [it-territorju tal-kodiċi .....;]

([3]) ([4]) *jew* [kompartiment(i) .....;]

([3]) *jew* [II.1.4.1 li, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat ma kellux (ma kellhomx) influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja u b'patoġeniċità baxxa kif definit fir-Regolament (KE) Nru 798/2008;]

([3]) *jew* [II.1.4.1 li, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat ma kellux (ma kellhomx) influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja kif definit fir-Regolament (KE) Nru 798/2008, u t-tjur ġejjin minn azjendi:

(a) li fit-30 jum qabel l-importazzjoni fl-Unjoni l-influwenza b'patoġeniċità baxxa ma kinitx preżenti fihom;

(b) li jinsabu f'żona li mhix taħt restrizzjonijiet veterinarji uffiċjali mill-awtorità kompetenti fir-rigward ta' tifqigħa tal-influwenza avjarja b'patoġeniċità baxxa u fi kwalunkwe każ li madwaru f'raġġ ta' 1 km ma kienx hemm influwenza avjarja b'patoġeniċità baxxa fl-ebda azjenda matul l-aħħar 30 jum qabel l-importazzjoni fl-Unjoni;

(c) fejn ma kien hemm l-ebda rabta epidemjoloġika ma' azjenda fejn ġiet skoperta l-influwenza avjarja b'patoġeniċità baxxa fl-aħħar 30 jum; qabel l-importazzjoni fl-Unjoni;]

II.1.5 ġejjin minn qatgħa li ma ġietx imlaqqma kontra l-influwenza avjarja;

II.1.6 nżammu mindu faqqsu jew għal mill-anqas fit-30 jum ta' qabel fuq l-azjenda(i) tal-oriġini;

(a) li mhu (mhumiex) soġġett(i) għall-ebda restrizzjoni tas-saħħa tal-annimali;

(b) li f'raġġ ta' 10 km, inkluż, fejn xieraq, it-territorju ta' pajjiż ġar, ma faqqgħetx l-influwenza avjarja b'patoġenità għolja jew il-marda ta' Newcastle għal mill-anqas it-30 jum ta' qabel;

II.1.7 ġejjin minn qatgħat li:

(a) ġew eżaminati fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat u ma wrew l-ebda sinjali kliniċi jew ma taw l-ebda raġuni biex tkun suspettata xi marda;

([3]) *jew* [(b) ma tlaqqmux kontra l-marda ta' Newcastle;]

▼M34

PAJJIŻ **SRP (tjur għall-qatla u għall-istokkjar mill-ġdid tal-ħażniet ta' tjur tal-kaċċa għajr l-għasafar li ma jtirux)**

II. Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

([3]) *jew* [(b) tlaqqmu kontra l-marda ta' Newcastle:

	Identifikazzjoni tal-qatgħa	Età tal-għasafar	Data tat-tilqim [dd/mm/yyyy]	Isem u tip (ħaj jew inattivat) tar-razza tal-virus tal-marda ta' Newcastle użat fil-vaċċin/i))	Numru tal-lott	L-isem u l-manifattur tal-vaċċin

]

([5]) [(c) tlaqqmu billi ntużaw vaċċini approvati uffiċjalment:

	Identifikazzjoni tal-qatgħa	Età tal-għasafar	Data tat-tilqim [dd/mm/yyyy]	Imlaqqma kontra	Numru tal-lott	L-isem, il-manifattur u t-tip ta' vaċċini approvati uffiċjalment

]

II.1.8 matul il-perjodu msemmi f'II.1.6 ma kellhomx kuntatt ma' tjur li ma jilħqux ir-rekwiżiti stipulati f'dan iċ-ċertifikat jew ma' għasafar selvaġġi.

II.2. **Garanziji addizzjonali għas-saħħa pubblika**

([6]) [Il-programm ta' kontroll tas-*Salmonella* msemmi fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 2160/2003 u r-rekwiżiti speċifiċi għall-użu ta' antimikrobiċi u vaċċini fir-Regolament (KE) Nru 1177/2006, ġew applikati għall-qatgħa ta' oriġini u l-qatgħa ġiet ittestjata għal serotipi ta' *Salmonella* ta' sinifikat għas-saħħa pubblika.

	Identifikazzjoni tal-qatgħa	Età tal-għasafar	Data tat-teħid tal-aħħar kampjun tal-qatgħa li minnha r-riżultat tal-ittestjar huwa magħruf [dd/mm/yyyy]	Riżultat tal-ittestjar kollu fil-qatgħa ([7])	
				pożittiv	negattiv

Għal raġunijiet oħra minbarra l-programm ta' kontroll tas-*Salmonella*, fl-aħħar tliet ġimgħat qabel l-importazzjoni:

([3]) *jew* [l-antimikrobiċi ma ġewx amministrati fuq it-tjur tal-qatla;]

([3]) ([8]) *jew* [l-antimikrobiċi li ġejjin ġew amministrati lit-tjur tal-qatla: .....
.....;]]

II.3. **Garanziji addizzjonali dwar is-saħħa tal-annimali**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, niċċertifika wkoll li:

([9]) [II.3.1 fejn il-konsenja hija maħsuba għal Stat Membru li l-istatus tiegħu ġie stabbilit skont l-Artikolu 15(2) tad-Direttiva 2009/158/KE, it-tjur deskritti f'dan iċ-ċertifikat ġejjin minn qatgħat li:

([3]) *jew* [ma tlaqqmux kontra l-marda ta' Newcastle u sar eżami seroloġiku fuqhom għall-preżenza ta' antikorpi tal-marda ta' Newcastle fl-14-il jum qabel il-konsenja u rriżultaw negattivi;]

([3]) *jew* [tlaqqmu kontra l-marda ta' Newcastle iżda mhux b'vaċċin ħaj fit-30 jum qabel il-konsenja u għaddew minn test tal-iżolament tal-virus għall-marda ta' Newcastle fl-14-il jum qabel il-konsenja fuq kampjun kloakali jew kampjuni tal-ħmieġ minn mill-anqas 60 tajra u rriżultaw negattivi;]]

([5]) [II.3.2 il-garanziji addizzjonali li ġejjin, stipulati mill-Istat Membru tad-destinazzjoni skont l-Artikoli 16 u/jew 17 tad-Direttiva 2009/158/KE, huma previsti:

.....;]

([9]) [II.3.3 jekk l-Istat Membru tad-destinazzjoni huwa l-Finlandja jew l-Isvezja it-tjur:

([3]) *jew* [għaddew minn test mikrobijoloġiku billi ttieħdu kampjuni mill-azjenda tal-oriġini u rriżultaw negattivi skont id-Deċiżjoni 95/410/KE;]

([3]) *jew* [ġejjin minnażjenda soġġetta għal programm rikonoxxut mill-Kummissjoni Ewropea bħala ekwivalenti għall-programm nazzjonali tal-Finlandja jew tal-Isvezja, kif xieraq;]]

▼M34

PAJJIŻ **SRP (tjur għall-qatla u għall-istokkjar mill-ġdid tal-ħażniet ta' tjur tal-kaċċa għajr l-għasafar li ma jtirux)**

II. Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

II.4. **Rekwiżiti tas-saħħa addizzjonali**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, niċċertifika wkoll li:

([10]) [għalkemm l-użu ta' vaċċini kontra l-marda ta' Newcastle li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti speċifiċi tal-Anness VI (II) tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 mhux projbit fi:

([2]) ([3]) *jew* [it-territorju tal-kodiċi .....;]

([3]) ([4]) *jew* [kompartiment(i) .....;]

it-tjur deskritti f'dan iċ-ċertifikat:

(a) ma tlaqqmux għal mill-anqas it-12-il xahar ta' qabel b'dawk il-vaċċini;

(b) ġejjin minn xi qatgħa li għaddiet minn test ta' iżolament tal-virus għall-marda ta' Newcastle, li sar f'laboratorju uffiċjali mhux aktar kmieni minn 14-il jum qabel il-konsenja fuq kampjun kloakali minn mill-anqas 60 għasfur f'kull qatgħa kkonċernata u li fiha ma nstabu l-ebda paramiksoviruses avjarji b'Indiċi tal-Patoġeniċità Intraċerebrali (ICPI) ta' aktar minn 0,4;

(c) matul l-aħħar 60 jum qabel il-konsenja, ma kellhomx kuntatt ma' tjur li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet f'(a) u (b);

(d) inżammu f'iżolament fl-azjendi tal-oriġini fil-perjodu ta' 14-il jum msemmi f'(b).]

([11]) II.5. **Attestazzjoni tat-trasport tal-annimali**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, niċċertifika wkoll li t-tjur jinġarru f'kannestri jew f'gaġeġ li:

(a) fihom biss tjur tal-istess speċi, kategorija u tip, li ġejjin mill-istess azjenda;

(b) huma magħluqa skont l-istruzzjonijiet tal-awtorità kompetenti sabiex tiġi evitata kull possibbiltà ta' sostituzzjoni tal-kontenut.

(c) minbarra l-vetturi li fihom jinġarru, huma maħsuba biex:

(i) jipprevjenu l-ħruġ ta' ħmieġ u jnaqqsu kemm jista' jkun kull telf ta' rix waqt il-ġarr;

(ii) jippermettu l-ispezzjoni viżiva tat-tjur;

(iii) jippermettu t-tindif u d-diżinfettazzjoni;

(d) ġew imnaddfa u diżinfettati, kif sar ukoll fil-każ tal-vetturi li fihom inġarru, qabel ma tgħabbew skont l-istruzzjonijiet tal-awtorità kompetenti.

Noti

Parti I:

— Kaxxa I.8: Agħti l-kodiċi taż-żona jew tal-kumpartiment tal-oriġini, jekk hemm bżonn, kif definit fil-kodiċi tal-kolonna 2 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008.

— Kaxxa I.15: Indika n-numru/i ta' reġistrazzjoni tal-vagun tal-ferrovija jew trakk, l-isem tal-vapuri u, jekk magħruf, in-numri tat-titjiriet tal-ajruplani. Fil-każ ta' ġarr f'kontenituri jew f'kaxxi, in-numru totali tagħhom u r-reġistrazzjoni tagħhom u fejn hemm numru tas-serje tas-siġill dan għandu jiġi indikat fil-kaxxa I.23.

— Kaxxa I.19: Uża l-kodiċi rilevanti tas-Sistema Armonizzata (SA) tal-Organizzazzjoni Dinjija Doganali: 01.05 jew 01.06.39.

Parti II:

([1]) Tjur kif definit fir-Regolament (KE) Nru 798/2008 għajr l-għasafar li ma jtirux.

([2]) Il-kodiċi tat-territorju kif jidher fil-kolonna 2 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008.

([3]) Żomm kif xieraq.

▼M34

PAJJIŻ **SRP (tjur għall-qatla u għall-istokkjar mill-ġdid tal-ħażniet ta' tjur tal-kaċċa għajr l-għasafar li ma jtirux)**

II. Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

([4]) Daħħal l-isem tal-kompartiment(i).

([5]) Imla jekk xieraq.

([6]) Din il-garanzija tapplika biss għat-tjur li jappartjenu għall-ispeċi *Gallus gallus* u għad-dundjani.

([7]) Jekk xi wieħed mir-riżultati kien pożittiv għas-serotipi li ġejjin matul il-ħajja tal-qatgħa tal-oriġini indika bħala pożitiv: *Salmonella* Enteritidis, *Salmonella* Typhimurium.

([8]) Imla jekk xieraq: indika l-isem u s-sustanza attiva tal-antimikrobiċi użati.

([9]) Ħassar jekk il-konsenja mhix intiża għall-Finlandja jew l-Isvezja.

([10]) Din il-garanzija hi meħtieġa biss għat-tjur li jiġu mill-pajjiżi, territorji, żoni jew kompartimenti fejn japplika l-Artikolu 13(1) tar-Regolament (KE) Nru 798/2008.

([11]) Jekk jogħġbok innota li, skont ir-Regolament (KE) Nru 1/2005 l-annimali jiġu ċċekkjati mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri biex jaraw dawn jifilħux ikomplu l-vjaġġ wara li jidħlu fl-Unjoni. F'każ li r-rekwiżiti ma jintlaħqux, l-annimali jeħtieġ li jinħattu u jittieħdu miżuri ulterjuri.

([12]) Għall-pajjiżi jew territorji bl-annotazzjoni "N" fil-kolonna 6 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008, għat-tjur tal-qatla u għat-tjur għall-istokkjar mill-ġdid ta' għasafar tal-kaċċa minbarra l-għasafar li ma jtirux (SRP) biss, dan ifisser li f'każ ta' tifqigħa tal-marda ta' Newcastle kif definit fir-Regolament (KE) Nru 798/2008 il-kodiċi tal-pajjiż jew il-kodiċi tat-territorju għandhom jibqgħu jintużaw, iżda dan jeskludi kull żona taħt restrizzjonijiet uffiċjali, mill-pajjiż terz ikkonċernat fir-rigward tal-marda ta' Newcastle, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat.

Dan iċ-ċertifikat huwa validu għal 10 ijiem.

Il-veterinarju uffiċjali

Isem (b'ittri kapitali): Kwalifika u titlu:

Data: Firma:

Timbru:

▼M29

Mudell taċ-ċertifikat veterinarju għar-ratiti għall-qatla(SRA)

PAJJIŻ: **Iċ-ċertifikat veterinarju għall-UE**

Parti I: Dettalji tal-kunsinna mibgħuta

I.1. Konsenjatur Isem Indirizz Pajjiż Tel.		I.2. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	I.2.a.
		I.3. Awtorità Ċentrali Kompetenti	
		I.4. Awtorità Lokali Kompetenti	
I.5. Destinatarju Isem Indirizz Pajjiż Tel.		I.6.	
I.7. Il-pajjiż tal-oriġini Kodiċi ISO	I.8. Ir-reġjun tal-oriġini Kodiċi	I.9. Il-pajjiż tad-destinazzjoni Kodiċi ISO	I.10.
I.11. Il-post tal-oriġini Isem Numru tal-approvazzjoni Indirizz Isem Numru tal-approvazzjoni Indirizz Isem Numru tal-approvazzjoni Indirizz		I.12.	
I.13. Il-post tat-tagħbija Indirizz Numru tal-approvazzjoni		I.14. Id-data tat-tluq	Il-ħin tat-tluq
I.15. Il-mezz ta' trasport Ajruplan ☐ Vapur ☐ Vagun tal-ferrovija ☐ Vettura tat-triq ☐ Oħrajn ☐ Identifikazzjoni: Dokument:		I.16. BIP tad-dħul fl-UE	
		I.17 Nru (Nri) tas-CITES	
I.18. Deskrizzjoni tal-prodott		I.19. Kodiċi tal-prodott (Kodiċi HS) **01.06.39**	
		I.20. Kwantità	
I.21.		I.22. Għadd ta' pakketti	
I.23. In-numru tas-siġill/tal-kontejner		I.24.	
I.25. Prodott bażiku ċċertifikati bħala: Qtil ☐			
I.26.		I.27. Għall-importazzjoni jew għad-dħul fl-UE ☐	

I.28. Identifikazzjoni tal-prodott bażiku

Speċi (Isem xjentifiku)	Razza/Kategorija	Sistema ta' identifikazzjoni	Numru ta' identifikazzjoni	Kwantità

▼M29

PAJJIŻ **SRA (ratiti tal-qatla)**

II.	Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

Parti II: Ċertifikazzjoni

II.1. **Attestazzjoni tas-saħħa tal-annimali**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan qed niċċertifika li skont id-Direttiva 2009/158/KE, ir-ratiti ([1]) deskritti f'dan iċ-ċertifikat:

II.1.1 ġejjin minn:

([2])([3])*jew* [it-territorju tal-kodiċi ..... ;]

([3])([4])*jew* [kumpartiment(i) .....;]

fejn baqgħu għal talanqas sitt ġimgħat jew mindu faqqsu, jekk għandhom inqas minn sitt ġimgħat, qabel l-importazzjoni fl-Unjoni. Jekk kienu importati fil-pajjiż, territorju, żona jew kumpartiment tal-oriġini, dan sar skont il-kundizzjonijiet veterinarji talanqas stretti daqs ir-rekwiżiti rilevanti tad-Direttiva 2009/158/KEE u kull Deċiżjoni sussidjarja;

II.1.2 ġejjin minn:

([2])([3])([9])*jew* [it-territorju tal-kodiċi ..... ;]

([3])([4])*jew* [kumpartiment(i) .....;]

([3])*jew* [(a) li ma kellux (ma kellhomx) il-marda ta' Newcastle kif definit fir-Regolament (KE) Nru 798/2008;]

([3])([5])*jew* [(a) li ma kienx ħieles (ma kinux ħielsa) mill-marda ta' Newcastle kif definit fir-Regolament (KE) Nru 798/2008;]

(b) fejn isir programm ta' sorveljanza għall-influwenza avjarja skont ir-Regolament (KE) Nru 798/2008;

II.1.3 ġejjin minn:

([2])([3])*jew* [it-territorju tal-kodiċi ..... ,]

([3])([4])*jew* kumpartiment(i) .....…,]

([3])*jew* [II.1.3.1 li, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat ma kellux (ma kellhomx) influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja u b'patoġeniċità baxxa kif definit fir-Regolament (KE) Nru 798/2008;]

([3])*jew* [II.1.3.1 li, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat ma kellux (ma kellhomx) influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja kif definit fir-Regolament (KE) Nru 798/2008, u r-ratiti huma ġejjin minn stabbiliment:

(a) fejn l-influwenza avjarja b'patoġeniċità baxxa ma kinitx preżenti fit-30 jum qabel il-ġbir tal-bajd;

(b) li jinsab f'żona li mhix taħt restrizzjonijiet veterinarji uffiċjali mill-awtorità kompetenti fir-rigward ta' tifqigħa tal-influwenza avjarja b'patoġeniċità baxxa u fi kwalunkwe każ li madwaru f'raġġ ta' 1 km ma kienx hemm influwenza avjarja b'patoġeniċità baxxa fl-ebda stabbiliment matul l-aħħar 30 jum qabel l-importazzjoni fl-Unjoni;

(c) fejn ma kien hemm l-ebda rabta epidemjoloġika ma' stabbiliment fejn ġiet skoperta l-influwenza avjarja b'patoġeniċità baxxa fl-aħħar 30 jum; qabel l-importazzjoni fl-Unjoni;]

II.1.4 ġejjin minn qatgħa li ma ġietx imlaqqma kontra l-influwenza avjarja;

II.1.5 inżammu mindu faqqsu jew għal talanqas fit-30 jum ta' qabel fuq l-istabbiliment(i) tal-oriġini;

(a) li mhu (mhumiex) soġġett(i) għall-ebda restrizzjoni tas-saħħa tal-annimali;

(b) li f'raġġ ta' 10 km, inkluż, fejn rilevanti, it-territorju ta' pajjiż ġar, ma faqqgħetx l-influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja jew il-marda ta' Newcastle għal tal-anqas fit-30 jum ta' qabel;

▼M29

PAJJIŻ **SRA (ratiti tal-qatla)**

II.	Tagħrif dwar is-saħħa	II.a.	Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

II.1.6 ġejjin minn qatgħat li:

(a) ġew eżaminati fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat u ma wrew l-ebda sinjali kliniċi jew ma taw l-ebda raġuni biex tkun suspettata xi marda;

([3])*jew* (b) ma tlaqqmux kontra l-marda ta' Newcastle;]

([3])*jew* (b) tlaqqmu kontra l-marda ta' Newcastle;

Identifikazzjoni tal-qatgħa	**L-età tal-għasafar**	**Id-data tat-tilqim [jj/xx/ssss]**	**(isem u tip (ħaj jew inattivat) tar-razza tal-vajrus tal-marda ta' Newcastle użat fil-vaċċin/i)**	**Numru tal-lott**	**L-isem u l-manifattur tal-vaċċin**

]

([7])[(c) tlaqqmu billi ntużaw vaċċini approvati uffiċjalment

Identifikazzjoni tal-qatgħa	**L-età tal-għasafar**	**Id-data tat-tilqim [jj/xx/ssss]**	**Imlaqqma kontra**	**Numru tal-lott**	**L-isem, il-manifattur u t-tip ta' vaċċini approvati uffiċjalment**

]

II.1.7 ġew eżaminati fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat u ma wrew l-ebda sinjali kliniċi jew ma taw l-ebda raġuni biex tkun suspettata xi marda;

II.1.8 fil-perjodu msemmi f'II.1.5, ma ġewx f'kuntatt ma' tjur tal-irziezet li ma jilħqux ir-rekwiżiti stipulati f'dan iċ-ċertifikat jew ma' tajr salvaġġ.

II.2. **Garanziji addizzjonali**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, niċċertifika wkoll li:

([6])[II.2.1 fejn il-kunsinna hija maħsuba għal Stat Membru li l-istatus tiegħu ġie stabbilit skont l-Artikolu 15(2) tad-Direttiva 2009/158/KE, ir-ratiti:

([3])*jew* [ma tlaqqmux kontra l-marda ta' Newcastle u sar eżami seroloġiku fuqhom għall-preżenza ta' antikorpi tal-marda ta' Newcastle fl-14-il jum qabel il-kunsinna u rriżultaw negattivi;]

([3])*jew* [tlaqqmu kontra l-marda ta' Newcastle iżda mhux b'vaċċin ħaj fit-30 jum qabel il-kunsinna u għaddew minn test tal-iżolament tal-vajrus għall-marda ta' Newcastle fl-14-il jum qabel il-kunsinna fuq kampjun kloakali jew kampjuni tal-ħmieġ minn talanqas 60 tajra u rriżultaw negattivi;]]

([7])[II.2.2 Il-garanziji addizzjonali li ġejjin, stipulati mill-Istat Membru tad-destinazzjoni skont l-Artikoli 16 u/jew 17 tad-Direttiva 2009/158/KE jingħataw:

.....;]

([6])[II.2.3 jekk l-Istat Membru ta' destinazzjoni huwa l-Finlandja jew l-Isvezja, ir-ratiti:

([3])*jew* [sar test mikrobijoloġiku fuqhom permezz tat-teħid ta' kampjuni fuq l-istabbiliment tal-oriġini li riżulta negattiv skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 95/410/KE;]

([3])*jew* [ġejjin minn stabbiliment soġġett għal programm rikonoxxut mill-Kummissjoni Ewropea bħala ekwivalenti għall-programm nazzjonali tal-Finlandja jew tal-Isvezja, kif rilevanti.]

▼M29

PAJJIŻ **SRA (ratiti tal-qatla)**

II.	Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

II. 3. **Rekwiżiti addizzjonali tas-saħħa għall-pajjiżi li mhumiex ħielsa mill-marda ta' Newcastle**

([5]) [Jien, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, niċċertifika wkoll li r-ratiti deskritti f'dan iċ-ċertifikat:

(a) tqiegħdu taħt sorveljanza uffiċjali għal talanqas 21 jum qabel l-importazzjoni fl-Unjoni fi stazzjon tal-kwarantina kif definit fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2009/158/KE u approvata mill-awtorità kompetenti:

(in-numru tal-approvazzjoni u l-indirizz tal-istazzjon tal-kwarantina: .....);

(b) għaddew minn test ta' iżolament tal-vajrus għall-marda ta' Newcastle, li sar f'laboratorju uffiċjali bejn seba' u għaxart ijiem wara d-dħul fi stazzjon tal-kwarantina jew fuq kampjuni kloakali jew fuq kampjuni tal-ħmieġ ta' kull tajra u li fihom l-ebda iżolati tal-paramiksovajrus tat-tjur tal-irziezet tat-tip 1 b'Indiċi tal-Patoġeniċità Intraċerebrali (ICPI) ta' aktar minn 0,4 ma nstabu. Kienu disponibbli riżultati favorevoli mit-tajr kollu fil-kunsinna qabel ma tneħħew mill-istazzjon tal-kwarantina għall-importazzjoni fl-Unjoni;

(c) ġejjin minn qatgħat li fihom saret is-sorveljanza għall-marda ta' Newcastle skont pjan kampjunarju bbażat fuq l-istatistika li pproduċa riżultati negattivi għal talanqas sitt xhur eżatt qabel l-importazzjoni fl-Unjoni.]

II.4. **Attestazzjoni tat-trasportazzjoni tal-annimali**

([8]) [Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, niċċertifika wkoll li r-ratiti jinġarru f'kannestri jew gaġeġ li:

(a) fihom biss ratiti tal-istess speċi, kategorija u tip li ġejjin mill-istess stabbiliment;

(b) huma magħluqa skont l-istruzzjonijiet tal-awtorità kompetenti sabiex tiġi evitata kull possibbiltà ta' sostituzzjoni tal-kontenut;

(c) minbarra l-vetturi li fihom jinġarru, huma maħsuba biex:

(i) jipprevjenu l-ħruġ ta' ħmieġ u jnaqqsu kemm jista' jkun kull telf ta' rix waqt il-ġarr;

(ii) jippermettu l-ispezzjoni viżiva tar-ratiti,

(iii) jippermettu t-tindif u d-diżinfettazzjoni;

(d) ġew imnaddfa u diżinfettati, kif sar fil-każ tal-vetturi li fihom jinġarru, qabel ma tgħabbew skont l-istruzzjonijiet tal-awtorità kompetenti.

Noti

Parti I:

— Kaxxa I.8: Agħti l-kodiċi taż-żona jew tal-kumpartiment tal-oriġini, jekk hemm bżonn, kif definit fil-kodiċi fil-kolonna 2 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008.

— Kaxxa I.15: Indika in-numru/i ta' reġistrazzjoni tal-vagun tal-ferrovija jew tat-trakk, l-isem tal-vapur u, jekk magħruf, in-numru tat-titjira tal-ajruplan. Fil-każ ta' ġarr f'kontenituri jew f'kaxxi, l-għadd totali tagħhom u r-reġistrazzjoni tagħhom u fejn hemm numru tas-serje tas-siġill dan għandu jiġi indikat fil-kaxxa I.23.

— Kaxxa I.28: (Sistema ta' Identifikazzjoni u Numru ta' Identifikazzjoni): Il-lametti tal-għonq u l-mikroċippi iridu jinkludu l-kodiċi ISO tal-pajjiż tal-oriġini; il-mikroċippi jridu jkunu konformi mal-istandards tal-ISO.

Parti II:

([1]) Ratiti tfisser tajr tat-tip Struthioniformes (Casuariidae, Rheidae, Struthionidae). Wara l-importazzjoni, ir-ratiti għandhom jintbagħtu minnufih lejn il-biċċerija tad-destinazzjoni skont l-Artikolu 18(5) it-tieni sottoparagrafu tad-Direttiva 2009/158/KE.

([2]) Kodiċi tat-territorju kif jidher fil-kolonna 2 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008.

([3]) Żomm skont ir-rilevanza.

([4]) Daħħal l-isem tal-kompartiment(i).

▼M29

PAJJIŻ **SRA (ratiti tal-qatla)**

II. Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

([5]) Applikabbli biss għall-pajjiżi bl-annotazzjoni "V" fil-kolonna 5 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008. Madankollu, dan ma japplikax għar-ratiti tal-qatla li ġejjin mill-kumpartimenti.

([6]) Għandha titħassar jekk il-kunsinna mhix intiża għall-Finlandja jew għall-Isvezja.

([7]) Imla jekk rilevanti

([8]) NB. Skont ir-Regolament (KE) Nru 1/2005 l-annimali jiġu ċċekkjati mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri biex jaraw dawn jifilħux ikomplu l-vjaġġ wara li jidħlu fl-Unjoni. F'każ li r-rekwiżiti ma jintlaħqux, l-annimali jeħtieġ li jinħattu u jittieħdu miżuri ulterjuri.

([9]) Għall-pajjiżi jew territorji bl-annotazzjoni N fil-kolonna 6 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008, għar-ratiti tal-qatla (SRA) biss, dan ifisser li f'każ ta' tifqigħa tal-marda ta' Newcastle kif definit fir-Regolament (KE) Nru 798/2008 il-kodiċi tal-pajjiż jew il-kodiċi tat-territorju għandhom jibqgħu jintużaw iżda dan jeskludi kull żona taħt restrizzjonijiet uffiċjali, mill-pajjiż terz ikkonċernat fir-rigward tal-marda ta' Newcastle, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat.

Dan iċ-ċertifikat huwa validu għal 10t ijiem

Veterinarju uffiċjali

Isem (b'ittri kapitali): Kwalifika u titlu:

Data: Firma:

Timbru:

▼M42

Ċertifikat veterinarju mudell għall-kunsinni waħdiena ta' inqas minn 20 unità ta' tjur minbarra l-għasafar li ma jtirux, il-bajd għat-tfaqqis u l-flieles ta' ġurnata tagħhom (LT20)

PAJJIŻ: **Iċ-ċertifikat veterinarju għall-UE**

Parti I: Dettalji tal-kunsinna mibgħuta

I.1. Kunsinnatur Isem Indirizz Pajjiż Numru tat-telefown				I.2. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat			I.2.a.
				I.3. Awtorità ċentrali kompetenti			
				I.4. Awtorità lokali kompetenti			
I.5. Destinatarju Isem Indirizz Pajjiż Numru tat-telefown				I.6.			
I.7. Pajjiż tal-oriġini	Kodiċi tal-ISO	I.8. Reġjun tal-oriġini	Kodiċi	I.9. Pajjiż tad-destinazzjoni	Kodiċi tal-ISO		I.10.
I.11. Post tal-oriġini Isem Indirizz Isem Indirizz				I.12.			
I.13. Post tat-tagħbija Indirizz				I.14. Data tat-tluq		Ħin tat-tluq	
I.15. Mezz tat-trasport Ajruplan ☐ Vapur ☐ Vagun tal-ferrovija ☐ Vettura tat-triq ☐ Mezz ieħor ☐ Identifikazzjoni: Dokument:				I.16. Post ta' spezzjoni fil-fruntiera (BIP) tad-dħul fl-UE			
				I.17. Numru/i tas-CITES			
I.18. Deskrizzjoni tal-prodott				I.19. Kodiċi tal-prodott (il-kodiċi tas-SA)			
							I.20. Kwantità
I.21.							I.22. Għadd ta' pakketti
I.23. Numru tas-siġill jew tal-kontenitur							I.24.
I.25. Prodotti ċċertifikati bħala: prodotti għat-tgħammir ☐ prodotti għall-produzzjoni ☐ prodotti għall-qatla ☐ prodotti għall-istokkjar mill-ġdid tal-annimali tal-kaċċa slavaġ ☐ prodotti oħrajn ☐							
I.26.				I.27. Għall-importazzjoni jew għad-dħul fl-UE ☐			
I.28. Identifikazzjoni tal-prodott Speċi (isem xjentifiku)			Kwantità				

▼M42

PAJJIŻ:

Il-Parti II: Ċertifikazzjoni

II.	Tagħrif dwar is-saħħa	II.a.	Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

II.1. **Attestazzjoni marbuta mas-saħħa tal-annimali**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, b'dan niċċertifika li:

II.1.1 (3) [it-tjur]

(3) [il-flieles ta' ġurnata]

(3) [il-bajd għat-tfaqqis]

deskritti f'dan iċ-ċertifikat jiffurmaw kunsinna waħda ta' inqas minn 20 unità u jissodisfaw id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 14 tad-Direttiva 2009/158/KE;

II.1.2 (3) [it-tjur baqgħu:]

(3) [il-flieles ta' ġurnata faqqsu minn bajd minn qtajja' li baqgħu:]

(3) [il-bajd għat-tfaqqis ġej minn qtajja' li baqgħu:]

(1) fit-territorju tal-kodiċi .....

għal mill-inqas tliet xhur jew minn mindu faqqsu f'każ li dawn ikollhom inqas minn tliet xhur; u li jekk dawn ġew importati fil-pajjiż terz jew fit-territorju jew fiż-żona tal-oriġini, dan sar b'kundizzjonijiet veterinarji li kienu stretti tal-inqas daqs ir-rekwiżiti rilevanti tad-Direttiva 009/158/KEE u ta' kull Deċiżjoni sussidjarja;

II.1.3 (3) [it-tjur ġejjin:]

(3) [il-flieles ta' ġurnata faqqsu minn bajd minn qtajja' li kienu ġejjin:]

(3) [il-bajd għat-tfaqqis ġej minn qtajja' li kienu ġejjin:]

(3) mit-territorju tal-kodiċi .....

(a) li, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat, kien territorju ħieles mill-marda ta' Newcastle kif iddefinit fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 798/2008;

(b) fejn hemm programm ta' sorveljanza tal-influwenza tat-tjur skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 798/2008;

(3) [II.1.4 it-tjur ġejjin:

(1) mit-territorju tal-kodiċi .....

(2) *jew* [II.1.4.1 li, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat, kien territorju ħieles mill-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja u b'patoġeniċità baxxa kif iddefinit fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 798/2008;]

(2) *jew* [II.1.4.1 li, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat, kien territorju ħieles mill-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja kif iddefinit fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 798/2008, u t-tjur inżammu f'azjenda agrikola:

(a) li fiha ma kienx hemm każijiet ta' influwenza tat-tjur b'patoġeniċità baxxa fit-30 jum ta' qabel l-importazzjoni lejn l-Unjoni;

(b) li tinsab f'żona li ma tqegħditx taħt restrizzjonijiet veterinarji uffiċjali mill-awtorità kompetenti b'rabta ma' tifqigħa tal-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità baxxa u li madwarha, f'kull każ, ma kien hemm l-ebda każ tal-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità baxxa fl-ebda azjenda f'raġġ ta' kilometru fit-30 jum ta' qabel l-importazzjoni lejn l-Unjoni;

(c) fejn ma kien hemm l-ebda rabta epidemjoloġika ma' azjenda fejn kien hemm xi każ tal-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità baxxa fit-30 jum ta' qabel l-importazzjoni lejn l-Unjoni;]]

(3) [II.1.4 il-flieles ta' ġurnata ġejjin:

(1) mit-territorju tal-kodiċi .....

(2) *jew* [II.1.4.1 li, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat, kien territorju ħieles mill-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja u b'patoġeniċità baxxa kif iddefinit fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 798/2008;]

(2) *jew* [II.1.4.1 li, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat, kien territorju ħieles mill-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja kif iddefinit fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 798/2008, u l-flieles ta' ġurnata faqqsu minn bajd minn qtajja' li nżammu f'azjenda agrikola:

(a) li fiha ma kienx hemm każijiet ta' influwenza tat-tjur b'patoġeniċità baxxa fit-30 jum ta' qabel ma ngħabar il-bajd li minnu faqqsu l-flieles ta' ġurnata;

(b) li tinsab f'żona li ma tqegħditx taħt restrizzjonijiet veterinarji uffiċjali mill-awtorità kompetenti b'rabta ma' tifqigħa tal-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità baxxa u li madwarha, f'kull każ, ma kien hemm l-ebda każ tal-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità baxxa fl-ebda azjenda f'raġġ ta' kilometru fit-30 jum ta' qabel ma ngħabar il-bajd li minnu faqqsu l-flieles ta' ġurnata;

(c) fejn ma kien hemm l-ebda rabta epidemjoloġika ma' azjenda fejn kien hemm xi każ tal-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità baxxa fit-30 jum ta' qabel ma ngħabar il-bajd li minnu faqqsu l-flieles ta' ġurnata;]]

▼M42

PAJJIŻ:

II.	Tagħrif dwar is-saħħa			II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.
(3) [II.1.4	il-bajd għat-tfaqqis ġej:				
	(1) mit-territorju tal-kodiċi				
	(2) *jew*	[II.1.4.1	li, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat, kien territorju ħieles mill-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja u b'patoġeniċità baxxa kif iddefinit fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 798/2008;]		
	(2) *jew*	[II.1.4.1	li, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat, kien territorju ħieles mill-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja kif iddefinit fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 798/2008, u l-bajd għat-tfaqqis ġie minn qtajja' li nżammu f'azjenda agrikola: (a) li fiha ma kienx hemm każijiet ta' influwenza tat-tjur b'patoġeniċità baxxa fit-30 jum ta' qabel ma nġabar il-bajd; (b) li tinsab f'żona li ma tqegħditx taħt restrizzjonijiet veterinarji uffiċjali mill-awtorità kompetenti b'rabta ma' tifqigħa tal-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità baxxa u li madwarha, f'kull każ, ma kien hemm l-ebda każ tal-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità baxxa fl-ebda azjenda f'raġġ ta' kilometru fit-30 jum ta' qabel ma nġabar il-bajd; (c) fejn ma kien hemm l-ebda rabta epidemjoloġika ma' azjenda fejn kien hemm xi każ tal-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità baxxa fit-30 jum ta' qabel ma nġabar il-bajd;]]		
II.1.5		(3) [II.1.5.1	it-tjur ma tlaqqmux għall-influwenza tat-tjur u mhumiex ġejjin minn qtajja' li tlaqqmu għall-influwenza tat-tjur;]		
		(3) [II.1.5.1	il-flieles ta' ġurnata ma tlaqqmux għall-influwenza tat-tjur u faqqsu minn bajd minn qtajja' li:]		
		(3) [II.1.5.1	il-bajd għat-tfaqqis ma tlaqqamx għall-influwenza tat-tjur u nġabar minn qtajja' li:]		
			(2) *jew* [ma tlaqqmux għall-influwenza tat-tjur]		
			(2) *jew* [tlaqqmu għall-influwenza tat-tjur skont pjan tat-tilqim fil-kuntest tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 798/2008 bl-użu ta': ..... (l-isem u t-tip ta' tilqim użat) fl-età ta' ..... ġimgħat;]		
II.1.6		(3) [II.1.6.1	it-tjur inżammu għal mill-inqas 21 jum qabel ma ġew esportati jew minn meta faqqsu f'azjenda agrikola:]		
		(3) [II.1.6.1	il-flieles ta' ġurnata faqqsu: — minn bajd minn qtajja' li, meta nġabar il-bajd għat-tfaqqis, kien ilhom mill-inqas 21 jum jew minn meta faqqsu f'azjenda agrikola: — f'azjenda agrikola jew f'mafqas:]		
		(3) [II.1.6.1	il-bajd għat-tfaqqis inġabar minn qtajja' li, meta nġabar il-bajd għall-esportazzjoni, kien ilhom mill-inqas 21 jum jew minn meta faqqsu f'azjenda agrikola: (a) li, meta saret il-kunsinna, ma kellha l-ebda restrizzjoni fuqha marbuta mas-saħħa tal-annimali; (b) li f'raġġ ta' 10 km madwarha, inkluż, fejn ikun xieraq, fit-territorju ta' pajjiż ieħor li tmiss miegħu, ma kien hemm l-ebda każ tal-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja jew tal-marda ta' Newcastle tal-inqas għat-30 jum ta' qabel;]		
		(3) [II.1.6.2	it-tjur ġejjin minn qtajja':]		
		(3) [II.1.6.2	il-flieles ta' ġurnata faqqsu minn bajd minn qtajja':]		
		(3) [II.1.6.2	il-bajd għat-tfaqqis ġej minn qtajja':] li minn mindu faqqsu jew għal mill-inqas 21 ġurnata qabel l-esportazzjoni jew il-ġbir tal-bajd għall-esportazzjoni jew għat-tfaqqis ma kellhom l-ebda kuntatt ma' tjur jew ma' bajd li ma kinux jissodisfaw ir-rekwiżiti stipulati f'dan iċ-ċertifikat jew ma' għasafar selvaġġi];		
II.1.7		(3) [II.1.7.1	it-tjur ġejjin minn qtajja' li nżammu iżolati minn tjur oħrajn għal mill-inqas 21 jum qabel ma ttieħed il-kampjun jew minn mindu faqqsu, u li:]		
		(3) [II.1.7.1	il-flieles ta' ġurnata faqqsu minn bajd minn qtajja' li:]		
		(3) [II.1.7.1	il-bajd għat-tfaqqis inġabar minn qtajja' li:] kellhom riżultati negattivi għall-antikorpi tas-*Salmonella* Pullorum u tas-*Salmonella* Gallinarum fit-testijiet seroloġiċi għalihom li saru fit-tliet xhur ta' qabel ma ntbagħtet il-kunsinna bl-użu tal-metodi ta' ttestjar stabbiliti fit-Taqsima I tal-Anness III tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 798/2008 f'livell li jagħti 95 % fiduċja li tinstab l-infezzjoni fi prevalenza ta' 5 %.		

▼M42

PAJJIŻ:

II.	Tagħrif dwar is-saħħa	II.a.	Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

II.1.8 (3) [II.1.8.1 it-tjur:

(2) *jew* [ma tlaqqmux għall-marda ta' Newcastle;]

(2) *jew* [tlaqqmu għall-marda ta' Newcastle skont il-kundizzjonijiet li ġejjin mogħtija fit-tabella t'hawn taħt:]]

(3) [II.1.8.1 il-flieles ta' ġurnata:

(2) *jew* [ma tlaqqmux għall-marda ta' Newcastle; u]

(2) *jew* [tlaqqmu għall-marda ta' Newcastle skont il-kundizzjonijiet li ġejjin mogħtija fit-tabella t'hawn taħt: u]

faqqsu minn bajd li ġej minn qtajja' li:

(2) *jew* [ma tlaqqmux għall-marda ta' Newcastle;]

(2) *jew* [tlaqqmu għall-marda ta' Newcastle skont il-kundizzjonijiet li ġejjin mogħtija fit-tabella t'hawn taħt:]]

(3) [II.1.8.1 il-bajd għat-tfaqqis inġabar minn qtajja' li:

(2) *jew* [ma tlaqqmux għall-marda ta' Newcastle;]

(2) *jew* [tlaqqmu għall-marda ta' Newcastle skont il-kundizzjonijiet li ġejjin mogħtija fit-tabella t'hawn taħt:]]

	Identifikazzjoni tal-qatgħa	**Età tal-għasafar**	**Data tat-tilqim [jj/xx/ssss]**	**Isem ir-razza tal-vajrus tal-marda ta' Newcastle użat fit-tilqim u t-tip tiegħu (ħaj jew mhux attivat)**	**Numru tal-lott**	**Isem it-tilqima u l-manifattur tagħha**

(3) [II.1.8.2 it-tjur:

(3) [II.1.8.2 il-flieles ta' ġurnata faqqsu minn bajd minn qtajja' li:]

(3) [II.1.8.2 il-bajd għat-tfaqqis inġabar minn qtajja' li:]

tlaqqmu b'tilqim approvat uffiċjalment skont il-kundizzjonijiet li ġejjin:

	Identifikazzjoni tal-qatgħa	**Età tal-għasafar**	**Data tat-tilqim [jj/xx/ssss]**	**Tilqim għal**	**Numru tal-lott**	**L-isem, il-manifattur u t-tip ta' tilqim approvat uffiċjalment**

II.1.9 (3) [II.1.9.1 il-flieles ta' ġurnata faqqsu minn bajd li kien ġie ddiżinfettat qabel l-inkubazzjoni skont l-istruzzjonijiet tal-awtorità kompetenti;]

(3) [II.1.9.1 il-bajd għat-tfaqqis inġabar minn ..... (jj/xx/ssss) sa ..... (jj/xx/sssss) u ġie ddiżinfettat skont l-istruzzjonijiet tiegħi, bl-użu ta' ..... (isem il-prodott u s-sustanza attiva) għal ..... minuti (il-ħin f'minuti);

II.2. **Garanziji addizzjonali marbutin mas-saħħa pubblika**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, b'dan niċċertifika li:

(4) (5) [II.2.1 it-tjur huma maħsubin għall-użu domestiku u privat jew għall-produzzjoni primarja li twassal għall-provvista diretta, mingħand il-produttur, ta' kwantitajiet żgħar ta' prodotti primarji għall-konsumatur finali jew għall-ħwienet lokali li jfornu l-prodotti primarji direttament lill-konsumatur finali kif imsemmi fl-Artikolu 1(3) tar-Regolament (KE) Nru 2160/2003 u jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(3) [II.2.1 it-tjur ġejjin minn qtajja' tal-oriġini jew minn gruppi ta' tjur li nżammu iżolati minn tjur oħrajn għal mill-inqas 21 jum qabel ma ttieħed il-kampjun jew minn mindu faqqsu, li]

(3) [II.2.1 il-qtajja' li minnhom inġabar il-bajd li minnhom faqqsu l-flieles ta' ġurnata]

▼M42

PAJJIŻ:

II.	Tagħrif dwar is-saħħa	II.a.	Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

(3) [II.2.1 il-qtajja' li minnhom inġabar il-bajd għat-tfaqqis]

sarulhom testijiet qabel ma ntbagħtet il-kunsinna skont il-punt (7) tat-Taqsima I tal-Anness III tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 798/2008 u d-data ta' dan it-test u r-riżultat tiegħu għandhom jiddaħħlu:

Identifikazzjoni tal-qatgħa	**Età tal-għasafar**	**Data ta' meta ttieħed l-aħħar kampjun mill-qatgħa li għalih huwa magħruf ir-riżultat tal-ittestjar [jj/xx/ssss]**	**Riżultat tal-ittestjar kollu fil-qatgħa** (5)	
			pożittiv	negattiv

].

(3) (5) [II.2.2 jekk il-prodotti huma maħsubin għat-tgħammir, la ġiet innutata s-*Salmonella* Enteritidis u lanqas is-*Salmonella* Typhimurium waqt l-ittestjar imsemmi fil-punt II.2.1 t'hawn fuq.]

II.3. **Garanziji addizzjonali marbutin mas-saħħa tal-annimali**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, niċċertifika wkoll li l-kunsinna hija maħsuba għal Stat Membru li l-istatus tiegħu ġie stabbilit skont l-Artikolu 15(2) tad-Direttiva 2009/158/KE u li:

(3) (6) [II.3.1 it-tjur deskritti f'dan iċ-ċertifikat:

(a) ma tlaqqmux għall-marda ta' Newcastle;

(b) inżammu iżolati għal 14-il jum qabel il-kunsinna fi stabbiliment bis-superviżjoni ta' veterinarju uffiċjali. B'rabta ma' dan, l-ebda tajra fl-azjenda jew fl-istabbiliment tal-oriġini jew fil-post tal-kwarantina, skont il-każ, ma tlaqqmet għall-marda ta' Newcastle fil-21 jum ta' qabel ma saret il-kunsinna u l-ebda tajra li ma kinitx maħsuba għall-kunsinna ma daħlet hemm f'dak iż-żmien;

(c) sarilhom eżami seroloġiku għall-preżenza ta' antikorpi tal-marda ta' Newcastle fl-14-il jum qabel il-kunsinna u rriżulta li ma kellhomx dawn l-antikorpi;]

(3) (6) [II.3.1 il-flieles ta' ġurnata deskritti f'dan iċ-ċertifikat:

(2) *jew* [ma tlaqqmux għall-marda ta' Newcastle;]

(2) *jew* [tlaqqmu għall-marda ta' Newcastle bl-użu ta' tilqima mhux attivata;] u

faqqsu minn bajd li ġej minn qtajja' li:

(2) *jew* [ma tlaqqmux għall-marda ta' Newcastle;]

(2) *jew* [tlaqqmu għall-marda ta' Newcastle bl-użu ta' tilqima mhux attivata;]

(2) *jew* [tlaqqmu għall-marda ta' Newcastle bl-użu ta' tilqima ħajja mhux aktar tard minn 60 jum qabel id-data li fiha nġabar il-bajd;]]

(3) (6) [II.3.1 il-bajd għat-tfaqqis deskritt f'dan iċ-ċertifikat inġabar minn qtajja' li:

(2) *jew* [ma tlaqqmux għall-marda ta' Newcastle;]

(2) *jew* [tlaqqmu għall-marda ta' Newcastle bl-użu ta' tilqima mhux attivata;]

(2) *jew* [tlaqqmu għall-marda ta' Newcastle bl-użu ta' tilqima ħajja mhux aktar tard minn 60 jum qabel id-data tal-bidu tal-perjodu li matulu nġabar il-bajd;]]

(3) [II.3.2 qed jingħataw il-garanziji addizzjonali li ġejjin, li stipulahom l-Istat Membru tad-destinazzjoni skont l-Artikoli 16 u/jew 17 tad-Direttiva 2009/158/KE:

.....;]

(10) [II.3.3 (3) [it-tjur ġejjin minn qtajja' li:]

(3) [il-flieles ta' ġurnata faqqsu minn bajd minn qtajja' li:]

(3) [il-bajd għat-tfaqqis inġabar minn qtajja' li:]

ġew eżaminati u ttestjati skont il-punt 8 tat-Taqsima I tal-Anness III tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 798/2008.]]

▼M42

PAJJIŻ:

II.	Tagħrif dwar is-saħħa	II.a.	Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

II.4 **Rekwiżiti tas-saħħa addizzjonali**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, niċċertifika wkoll li:

([3]) ([7]) [II.4.1 għalkemm l-użu tat-tilqim kontra l-marda ta' Newcastle li ma jissodisfax ir-rekwiżiti speċifiċi tal-Anness VI (II) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 798/2008 mhux ipprojbit:

([1]) fit-territorju tal-kodiċi ..... ;

([3]) [it-tjur u l-qtajja' li ġejjin minnhom:]

([3]) [il-flieles ta' ġurnata faqqsu minn bajd minn qtajja' li:]

([3]) [il-bajd għat-tfaqqis inġabar minn qtajja' li:]

(a) ma tlaqqmux, tal-anqas matul it-12-il xahar ta' qabel, b'dak it-tilqim;

(b) sarilhom test ta' iżolament tal-vajrus tal-marda ta' Newcastle, imwettaq f'laboratorju uffiċjali mhux aktar kmieni minn 14-il jum qabel il-kunsinna fuq kampjun aleatorju ta' materjal mill-kloaka meħud minn mill-inqas 60 għasfur minn kull qatgħa, li matulu ma nstab l-ebda paramiksovajrus tat-tjur fil-kampjun b'Indiċi ta' patoġeniċità fil-moħħ (ICPI) ta' iktar minn 0,4;

(c) fis-60 jum ta' qabel il-kunsinna ma kellhomx kuntatt ma' tjur li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet mogħtija fil-punti (a) u (b);

(d) inżammu iżolati b'sorveljanza uffiċjali fl-istabbiliment tal-oriġini matul il-perjodu ta' 14-il jum imsemmi fil-punt (b).]

II.5. Attestazzjoni marbuta mal-ġarr tal-annimali

Jiena, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, niċċertifika wkoll li:

([3]) ([8]) [II.5.1 it-tjur deskritti f'dan iċ-ċertifikat qed jinġarru f'ċestuni jew f'gaġeġ li:

(i) huma ddisinjati biex jipprevjenu l-ħruġ ta' xi ħmieġ u biex inaqqsu kemm jista' jkun kull telf ta' rix waqt il-ġarr;

(ii) jippermettu l-ispezzjoni viżwali tat-tjur;

(iii) jippermettu t-tindif u d-diżinfezzjoni;

(iv) tnaddfu u ġew iddiżinfettati qabel ma tgħabbew skont l-istruzzjonijiet tal-awtorità kompetenti; u li:]

([3]) ([8]) [II.5.1 il-flieles ta' ġurnata deskritti f'dan iċ-ċertifikat qed jinġarru f'kaxex nodfa għalkollox mhux riutilizzabbli li qed jintużaw għall-ewwel darba u li huma ddisinjati biex jipprevjenu l-ħruġ ta' xi ħmieġ u biex inaqqsu kemm jista' jkun kull telf ta' rix waqt il-ġarr; u li:]

([3]) [II.5.1 il-bajd għat-tfaqqis qed jinġarr f'kaxex nodfa għalkollox mhux riutilizzabbli li qed jintużaw għall-ewwel darba u li:]

(i) fihom biss tjur minbarra l-għasafar li ma jtirux, il-flieles ta' ġurnata u l-bajd għat-tfaqqis tagħhom tal-istess speċi, kategorija u tip li ġejjin mill-istess azjenda agrikola;

(ii) fuqhom għandhom it-tagħrif li ġej:

— isem il-pajjiż, it-territorju jew iż-żona tal-kunsinna,

— l-ispeċi tat-tjur ikkonċernata,

— l-għadd ta' tjur, ta' flieles jew ta' bajd, kif xieraq,

— il-kategorija u t-tip ta' produzzjoni li għalihom ikunu maħsubin,

— l-isem u l-indirizz tal-azjenda tal-oriġini u tal-mafqas fil-każ tal-flieles ta' ġurnata, u

— l-Istat Membru tad-destinazzjoni; u li:]

huma magħluqin skont l-istruzzjonijiet tal-awtorità kompetenti sabiex tiġi evitata kull possibbiltà ta' sostituzzjoni tal-kontenut; u

li huma ttrasportati f'kontejners u f'vetturi li tnaddfu u ġew iddiżinfettati qabel ma tgħabbew skont l-istruzzjonijiet tal-awtorità kompetenti.

Noti

Dan iċ-ċertifikat japplika għall-kunsinni waħdiena ta' inqas minn 20 unità ta' tjur minbarra l-għasafar li ma jtirux, il-bajd għat-tfaqqis u l-flieles ta' ġurnata tagħhom kif imsemmi fl-Artikolu 5 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 798/2008.

▼M42

PAJJIŻ:

II. Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

Il-Parti I:

— Il-kaxxa I.8: Agħti l-kodiċi tal-pajjiż jew taż-żona tal-oriġini, jekk ikun hemm bżonn, kif iddefinit fil-kodiċi tal-kolonna 2 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 798/2008.

— Il-kaxxa I.11: L-isem u l-indirizz tal-azjenda tal-oriġini u, fejn ikun xieraq, l-isem u l-indirizz tal-mafqas fil-każ tal-flieles ta' ġurnata.

— Il-kaxxa I.15: Indika n-numri ta' reġistrazzjoni tal-vaguni tal-ferrovija u tat-trakkijiet, l-isem tal-vapur u, jekk ikun magħruf, in-numru tat-titjira tal-inġenju tal-ajru. F'każ li l-ġarr isir f'kontenituri jew f'kaxex, l-għadd totali tagħhom u r-reġistrazzjoni tagħhom u, meta jkun hemm numru tas-serje tas-siġill, dan għandu jingħata fil-kaxxa I.23.

— Il-kaxxa I.19: Uża l-kodiċi x-xieraq tas-Sistema Armonizzata (SA) tal-Organizzazzjoni Dinjija Doganali: 01.05, 01.06.39 jew 04.07.

Il-Parti II:

([1]) Il-kodiċi tat-territorju kif inhu mogħti fil-kolonna 2 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 798/2008.

([2]) Żomm kif xieraq.

([3]) Żomm jekk ikun xieraq.

([4]) Din il-garanzija tapplika biss għat-tjur tal-ispeċi *Gallus gallus* u għad-dundjani.

